**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 10 ta' Dicembru, 2015

Rikors numru : 395/2015 AL

AB
vs
CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta :

1. Illi l-partijiet izzewgu fid-disgha  ta' Dicembru tas-sena elf disa` mija u tlieta u sebghin (9/12/1973) u minn dan iz-zwieg kellhom tlett ulied li llum huma kollha maggorenni;
2. Illi l-partijiet isseparaw bonarjament b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor John Gambin datat sitta u ghoxrin ta' Ottubru tas-sena elfejn u wiehed (26/10/2001) li gie awtorizzat mill-Onor. Imhallef J.D. Camilleri. Kopja tal-kuntratt tas-separzzjoni qed jigi hawn anness u mmarkat  bhala Dok. A;
3. Illi m'hemm l-ebda tama ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi barra li ilhom aktar  minn erba` snin legalment separati, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

4. Illi m'hemm l-ebda kwistjoni bejniethom dwar l-manteniment u fil-fatt il-manteniment jithallas regolarment;
5. Illi ghaldaqstant l-esponenti jissodisfaw ir-rekwiziti kollha stabiliti mil-ligi biex jinghataw d-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

Talab f'dawn ic-cirkostanzi li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li permezz taghha ikkonfermat :

Illi hija ma topponix ghall-pronunzja tal-hall ta' zwieg bejniethom salv li d-disposizzjonijiet finanzjarji, inkluzi l-hlas tal-manteniment, stipulati fil-kuntratt ta' separazzjoni bejniethom ghandhom jibqghu vigenti u fis-sehh bejn il-partijiet;

Illi hija ghalhekk dwar il-fatti dikjarati fil-hames paragrafi tar-rikors ma hijiex qeghda tikkontestahom;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Ottubru 2015;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-26 ta' Ottubru 2001;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tiddikjara illi d-disposizzjonijiet finanzjarji inkluzi il-hlas ta' manteniment kif stipulat fil-kuntratt ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet ser jibqghu vigenti u fis-sehh bejn il-partijiet, qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.